MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-13 ta' Ġunju, 2003

Numru 355/2003

Il-Pulizija
(Sp Morgan Azzopardi)
vs
Sean Grima, iben Veronica Grima,
imwieled Pieta' fl-10 ta' ottubru, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda –
1. fl-20 ta' mejju, 2001, ġewwa San Ġiljan, wara nofs in-nhar, ikkometta serq
ta' stereo tal-għamla Kenwood tal-valur ta' Lm120 għad-dannu ta' Jesmond Spiteri minn Marsaskala, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' ]unju, 2001, ġewwa San Ġiljan, ikkometta serq ta' stereo tal-għamla Jensen tal-valur ta' Lm70 u kartiera kontenenti Lm5 għad-dannu ta' Giovanni Borg mis-Swieqi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
3. fil-lejl ta' bejn is-27 u it-28 ta' lulju, 2001, ġewwa san Ġiljan, ikkometta serq ta' stereo tal-għamla Clarion tal-valur ta' Lm140, kif ukoll Lm70 fi flus kontanti għad-dannu ta' Cynthia Zammit minn Ħal-Qormi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
4. fl-14 ta' awissu, 2001, ġewwa san Ġiljan, wara nofs in-nhar, ikkometta serq ta' stereo tal-għamla Kenwood tal-valur ta' Lm70 għad-dannu ta' Alexandra Vassallo minn Birkirkara, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
5. talli kiser ordni ta' probation mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza tat-18 ta' lulju, 2000.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' ġunju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 261(b)(ċ)(g), 263, 267, 271(g) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 23(1)(a) tal-kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat li l-imputat kien minuri meta saru dawn il-fatti. Għalhekk, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn liri maltin (Lm200).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------